MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 94/2012

**Falzon Fuel Services Limited**

**Vs**

**Palm Court Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fil-31 ta’ Jannar 2012, l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuta l-hlas ta’ hmistax-il elf mitejn u disgha u sebghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€15,279.86)[1], hlas ghall-konsenja ta’

[1] Minn dan l-ammont is-somma ta’ €14,197.65 hi l-prezz u l-bilanc imghax.

heating deasel flimkien mal-imghax ta’ 8%. L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema bil-procedura sommarja.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata, pero fis-seduta tal-lum hadd ma deher biex jiddefendi l-interessi taghha. Ghal finijiet ta’ notifika l-qorti qeghda tqies sufficjenti n-notifika kif maghmula in kwantu l-ufficcjal ezekuttiv iddikjara li ma sabx l-indirizz Palm Court, Triq it-Tamar, Qawra u saret affissjoni mal-fond White Star, Triq il-Latmija, Salini, San Pawl il-Bahar.

Il-qorti semghet lil Dr Yanika Mifsud tixhed bil-gurament.

**Peress li t-talbiet attrici jidhru gustifikati tilqa’ t-talbiet u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ hmistax-il elf mitejn u disgha u sebghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€15,279.86), u minn liema ammont is-somma ta’ elf u tnejn u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,082.21) hu imghax. Jibqa’ jiddekorri l-imghax fuq is-somma ta’ erbatax-il elf mija u sebgha u disghajn ewro u hamsa u sittin centezmu (€14,197.65) mill-1 ta’ Jannar 2012.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------